

EURES

KIF ISSIB IMPJIEG FL-EWROPA

GWIDA GĦAL MIN QED IFITTEX IMPJIEG



Il-manuskritt tlesta f'Diċembru 2019

It-tielet edizzjoni riveduta

La l-Kummissjoni Ewropea u l-ebda persuna li taġixxi f'isem il-Kummissjoni mhija responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li ġejja.

Il-Lussemburgu: Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021

© Ritratti: Shutterstock

© Unjoni Ewropea, 2021

L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat sakemm is-sors jiġi rikonoxxut.

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija rregolata bid-Deċiżjoni 2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jkunx taħt id-drittijiet tal-awtur tal-UE, għandu jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Print	ISBN 978-92-95218-73-4	doi:10.2883/640406	HP-01-21-051-MT-C
PDF	ISBN 978-92-95218-58-1	doi:10.2883/341988	HP-01-21-051-MT-N

ITFA' ĦARSTEK LEJN IL-FUTUR

Il-ħajja u x-xogħol f'pajjiż ieħor huma għażla eċċitanti għall-Ewropej ta' kull età. Fil-fatt, aktar u aktar nies qed jirrikonoxxu l-benefiċċji li jiksibu esperjenza professjonali f'pajjiż Ewropew ieħor.

Minkejja dan, xorta waħda 3 % biss tal-Ewropej jgħixu u jaħdmu fi Stat Membru differenti mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Madankollu, billi taħdem barra mill-pajjiż, anke għal perjodi qosra, tista' żżid bil-kbir il-livelli ta' ħiliet tiegħek u tagħti spinta lill-possibilitajiet tiegħek li ssib impjeg aħjar f'pajjiżek stess.

Il-prinċipju tal-Unjoni Ewropea għall-moviment liberu tal-ħaddiema * huwa meqjus bħala wieħed mid-drittijiet l-aktar importanti taċ-ċittadini tal-UE.

"Il-ħidma barra mill-pajjiż twessa' l-orizzonti tiegħek u tagħtik sens tal-ħajja indipendenti. Tgħin ukoll biex tibni l-fiduċja fik innifsek u biex tkabbar in-network personali tiegħek. Jekk tiċċaqtaq, kun miftuħ/a għall-kultura l-ġdida, kif ukoll lest/a u dispost/a li titgħallem affarrijiet ġodda."

Persuna li qed tfittex impjeg mil-Litwanja, li tgħix u taħdem fid-Danimarka

Dan ifisser li tista' tmur f'kull Stat Membru tal-UE, kif ukoll l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera. B'riżultat ta' dan, hemm opportunitajiet bla qies għall-persuna motivata u mobbli li qed tfittex impjeg. U jekk teħtieġ pariri u informazzjoni tul it-triq, hemm ukoll ħafna esperti biex jiggwidawk.

X'tista' tikseb billi tgħix u taħdem barra mill-pajjiż?

- **Opportunità għall-iżvilupp ta' ħiliet professjonali u personali ġodda.** Tgħallem lingwa ġdida, żid mal-esperjenza professjonali tiegħek, saħħaħ il-fiduċja fik innifsek, u tejjeb il-kapaċità tiegħek li tikkomunika mal-oħrajn. Li tgħix u taħdem barra mill-pajjiż hija s-soluzzjoni ideali għal dawk li jridu xi "valur miżjud" fuq is-CV tagħhom biex jimpresjonaw lil impjegaturi futuri.
- **Fehim akbar ta' pajjiżi u kulturi oħra.** L-Ewropa hija kontinent varjat ferm b'ħafna x'tiskopri. Billi tpoġġi lilek innifsek fil-ħajja f'pajjiż ieħor, tista' tesperjenza kultura u stil ta' ħajja ġodda. Fl-istess ħin, persuni oħrajn jistgħu jitgħallmu aktar dwar pajjiżek.
- **Esperjenza siewja meta tiltaqa' ma' persuni ġodda u sfidi ġodda.** Jekk m'intix ċert jekk ix-xogħol barra mill-pajjiż huwiex

tajjeb għalik, fittex xogħol stagġjoni jew temporanju. M'għandekx għalfejn timpenja ruħek għal kuntratt fit-tul, iżda xorta se tikseb esperjenza siewja biex tiftaħ opportunitajiet ta' xogħol futuri.

It-tagħlim ta' ħiliet ġodda u l-kisba ta' esperjenza professjonali internazzjonali jistgħu jkunu biss ta' benefiċċju. Din il-gwida faċili għall-użu tagħtik pariri u informazzjoni utli biex tgħinek jekk tkun tfajt ħarstek lejn l-Ewropa!

L-OPPORTUNITÀ TINSAB FIL-QRIB
Għandek ħila speċifika fl-impjeg? Jekk l-għarfien expert u l-esperjenza tiegħek jinsabu f'setturi b'pożizzjonijiet vakanti "diffiċli biex jimtlew" bħall-ambjent, il-kura tas-saħħa jew l-ICT, tista' ssib ruħek f'domanda partikolari f'ħafna pajjiżi Ewropej.

* Għandek bżonn permess ta' xogħol?

Xi ċittadini Ewropej jista' jkollhom aċċess ristrett għas-suq tax-xogħol Ewropew għal ċertu perjodu, skont meta pajjiżhom issieħeb fl-UE. L-EURES jista' jgħidlek f'liema pajjiżi tista' tmur liberament u liema se jeħtieġu permess ta' xogħol.

Jekk qed taħseb biex tmur tgħix barra minn pajjiżek, jeħtieġ taħsiha bis-serjetà. Hawn issib ħarsa ġenerali lejn ftit affarijjet li forsi tixtieq tikkunsidra qabel ma tiċċaqraq.

- **Tista' tikseb impjieg?** Punt tat-tluq tajjed meta tfttex impjieg barra mill-pajjiż huwa li tħares lejn l-għażliet tiegħek u tapplika għall-impjieg filwaqt li tkun għadek f'pajjiżek. Investiga bir-reqqa f'liema pajjiżi hemm domanda għall-ħaddiema bl-isfond u bl-esperjenza tiegħek, jew fil-qasam tax-xogħol li inti interessat fih. Wettaq xi riċerka dwar is-suq tax-xogħol f'dawk il-pajjiżi. Kun ċert li s-CV tiegħek tkun ċara u konċiża, filwaqt li tenfasizza dak li tkun diġà tgħallim jew ksibt, u r-rilevanza tagħha għall-opportunitajiet disponibbli.
- **Karriera hija biss għażla waħda.** Il-mobbiltà tista' tfisser ukoll edukazzjoni ulterjuri, taħriġ professjonali u internships, fost ħafna opportunitajiet oħra. L-UE għandha programmi ta' appoġġ f'dawn l-oqsma. Dawn jinkludu Leonardo da Vinci (tagħlim u taħriġ vokazzjonali), Erasmus (skambju ta' studenti u kollokamenti barra mill-pajjiż) u l-Istrateġija "Rethinking education" li hija ffukata fuq l-iżvilupp ta' ħiliet għas-suq tax-xogħol. Ara ec.europa.eu/education għal aktar informazzjoni.
- **Titkellem il-lingwa?** L-impjegatur tiegħek probabbilment jistenna li jkollok xi għarfien tal-lingwa lokali. L-Ingliż bażiku, ikun xi jkun il-pajjiż li tinsab fih, se jkun ukoll vantaġġ. Ikkunsidra li tiegħu kors tal-lingwa qabel ma titlaq – anki jekk ma jkunx obligatorju għal kull opportunità ta' impjieg, jista' jtejjeb l-opportunitajiet tiegħek.
- **Il-kwalifiki professjonali tiegħek se jkunu rikonoxxuti?** Jekk inti kwalifikat/a biex taħdem f'pajjiżek, tista' taħdem xi mkien ieħor fl-Ewropa. Skont il-prinċipju tal-moviment liberu tal-ħaddiema, inti tista' tipprattika l-professjoni tiegħek fl-Istati Membri kollha tal-UE, kif ukoll fl-Iżlanda, fil-Liechtenstein, fin-Norveġja u fl-Iżvizzera. Iżda ċċekkja kull speċifikazzjoni ta' impjieg bir-reqqa – xi impjegaturi jistgħu jeħtieġu ċerti diplomi, ċertifikati jew kwalifiki oħra.
- **Xi ngħidu dwar il-kwalifiki edukattivi?** Bħalissa ma hemm l-ebda rikonoxximent universali tal-kwalifiki edukattivi fl-Ewropa kollha, li jfisser li impjegatur f'pajjiż wieħed jista' joqgħod lura milli jimpjega ħaddiem minn pajjiż ieħor jekk ma jirrikonoxxi il-livell ta' kwalifika tiegħu. Tista' ssib informazzjoni utli

"Il-kuntatt mal-EURES kien l-aħjar ħaġa li stajt nagħmel għall-karriera tiegħi. Is-sena l-oħra bgħatt ittra lill-Konsulent lokali tal-EURES tiegħi u spjegajt li ridt nagħmel internship f'kumpanija tal-inbid fl-Italja. Tliet xhur wara, l-EURES fl-Italja kien sab pozzizzjoni li tinkludi l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni u tal-għajxien. L-appoġġ kompli matul l-internship. Meta wasalt fil-pajjiż, l-EURES għenuni biex inlestri d-dokumenti kollha meħtieġa."

Dalma, persuna li qed tfttex impjieg mill-Ungerija



fit-taqsimha Xogħol u Ritar tal-portal L-Ewropa Tiegħek (europa.eu/youreurope/citizens). Inkella, tista' żżur is-sit web tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QE) tal-Kummissjoni Ewropea (ec.europa.eu/eqf).

- **Il-familja tiegħek se tiċċaqraq miegħek?** Bħala ċittadin Ewropew, int u l-familja tiegħek għandkom l-istess drittijiet bħall-ħaddiema nazzjonali. Il-familja tiegħek tista' tistudja jew taħdem fil-pajjiż tad-destinazzjoni tiegħek, għalhekk ta' min jesplora l-għażliet għalihom ukoll qabel ma titlaq.

Iddeċidejt li tiċċaqlaq u issa teħtieġ aktar informazzjoni. Għal għajnuna u pariri matul il-proċess, tista' tidħol fir-riżorsi li ġejjin:

L-EURES, in-Network Ewropew tal-Impjiegi jkopri l-Istati Membri kollha, kif ukoll l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera. Għandu network ta' sħab, inklużi servizzi pubbliċi tal-impjiegi, u issa qed jiġi estiż biex jinkludi aktar sħab f'pajjżek. L-informazzjoni dwar dawn tista' tinstab fuq il-portal tal-EURES: eures.europa.eu

In-network tal-EURES joffri firxa ta' servizzi mfassla għall-ħtiġijiet tiegħek:

- **Il-Portal tal-EURES tal-Mobbiltà fl-Impjiegi:** jipprovdi informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet vakanti f'31 pajjiż, u jippermettilek toħloq profil, tirreġistra s-CV tiegħek, u taċċessa d-dettalji dwar il-kundizzjonijiet tal-ħajja u x-xogħol fl-Ewropa kollha. Il-portal jidher fuq siti ewlenin tal-midja soċjali u għandu l-applikazzjoni tiegħu stess għall-smartphone. Jekk teħtieġ assistenza fil-ħolqien ta' kont, fil-ħolqien ta' CV jew fit-tiftix ta' pożizzjonijiet vakanti, il-help-desk tal-EURES huwa disponibbli

permezz ta' chat diretta, email, telefon jew Skype. Żur eures.europa.eu għad-dettalji.

- **Network ta' Konsulenti tal-EURES:** L-EURES għandu aktar minn 1 200 konsulent f'31 pajjiż li jaħdmu mas-servizzi pubbliċi nazzjonali tal-impjiegi (PES) biex jipprovdu informazzjoni dwar il-mobbiltà lil dawk li qed ifittxu impjiegi. Ikkuntattjahom bit-telefon, bl-email, jew permezz ta' laqgħa wiċċ imb wiċċ jew f'avvenimenti tal-Jiem tal-Impjiegi Ewropej (Online) (ara l-paġna li jmiss għad-dettalji).
- **L-EURES f'reġjuni transfruntiera:** li tgħix u taħdem f'żewġ pajjiżi differenti huma l-aktar forma komuni ta' mobbiltà tal-forza tax-xogħol. L-EURES jopera wkoll f'reġjuni transfruntiera fl-Ewropa kollha. L-informazzjoni għall-ħaddiema transfruntiera hija disponibbli fuq il-Portal tal-EURES tal-Mobbiltà fl-Impjiegi mill-Konsulent lokali tal-EURES tiegħek u fuq paġna 11 ta' dan il-fuljett.

Tista' wkoll tieħu vantaġġ minn dan li ġej:

- **Aġenziji privati ta' rekrutazzjoni:** f'pajjżek – jew fil-pajjiż – tad-destinazzjoni tiegħek, l-aġenziji privati ta' rekrutazzjoni jipprovdu firxa wiesgħa ta' informazzjoni u servizz effiċjenti ta' tqabbil tal-impjiegi.

Il-konsulenti tagħhom jistgħu jiggwidawk f'kull stadju ta' proċess ta' rekrutazzjoni.

- **Magni tat-tiftix għal impjiegi online:** xi magni tat-tiftix għal impjiegi jippermettulek toħloq CV, tibni profil ta' persuni li qed ifittxu impjiegi, tikseb notifiċi ta' offerti ta' impjiegi interessanti, u tara pożizzjonijiet vakanti.
- **Midja soċjali:** madwar nofs l-utenti tal-Internet tal-UE għandhom preżenza fuq il-midja soċjali. Jekk tuża regolarment pjattaformi bħal Facebook, Twitter jew LinkedIn, tista' tużahom biex tippromwovi l-ħiliet u l-interessi tal-impjiegi tiegħek, bħala tip ta' CV virtwali. Oqgħod attent/a għal dak li tagħmel u tgħid online, u rrieżamina s-settings biex iżżomm il-posts personali u r-ritratti privati!

“Il-Konsulent tal-EURES tani informazzjoni dwar li nagħmel kors ta' ġardinar tas-serra fid-Danimarka u nikkombinaw ma' kors tal-lingwa Daniża u naħdem f'azjenda agrikola Daniża. Din rajtha bħala opportunità interessanti – u mod kif jiġu żviluppatti ħiliet u għarfien ġodda għall-ħajja professjonali futura tiegħi. Din twessa' l-orizzonti tiegħek, tagħmlek aktar indipendenti, tibnilek il-fiduċja fik innifsek u tespandi n-network personali tiegħek!”

Sarunas, persuna li qed tifttex impjiegi mill-Litwanja



KIF JISTA' JGĦIN L-EURES?

Is-servizzi tal-EURES huma komprensivi u disponibbli għall-persuni Ewropej kollha li qed ifittxu xogħol – qabel, matul u wara t-tfittxija tiegħek għal impjeg.

Huma jindirizzaw kull aspett tal-ħajja u tax-xogħol barra mill-pajjiż, mill-għoti ta' gwida għall-karriera, ir-rieżami u t-traduzzjoni tas-CVs, l-analiżi tal-offerti, u l-iffaċilitar tal-vidjokonferenzi għall-intervisti, għall-għoti ta' informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol Ewropew, l-għoti ta' pariri legali u dwar is-sigurtà soċjali, l-organizzazzjoni ta' fieri tal-impjiegi, u l-għoti ta' pariri dwar l-opportunitajiet ta' taħriġ, it-tagħlim tal-lingwi u l-opportunitajiet ta' finanzjament – biex insemmu xi ftit

B'mod ġenerali, is-servizzi jinkludu dan li ġej:

Il-Portal tal-EURES tal-Mobbiltà fl-Impjeg li jospita aktar minn miljun pożizzjoni vakanti mill-Ewropa kollha, kważi l-istess ammont ta' CVs, u eluf ta' impjegaturi rreġistrati. Dan joffrilek għodod biex:

- toħloq profil li jippermettilek titteggja setturi jew pajjiżi interessanti, u tirċievi notifiċi bl-email ta' pożizzjonijiet vakanti rilevanti;
- tibni u żżomm CV f'verżjoni waħda jew f'diversi verżjonijiet lingwistiċi u tippowstjaha online, u għalhekk tkun viżibbli għat-30 000 impjegatur irreġistrati fuq il-portal;

- tfittex informazzjoni dwar il-ħajja u x-xogħol fil-pajjiż tal-għażla tiegħek;
- tfittex Jiem Ewropej tal-Impjiegi (Online) u avvenimenti oħra ta' reklutaġġ fir-reġjun tiegħek;
- tikkollega ma' persuni oħra li qed ifittxu impjeg u tiskambja pariri dwar it-tiftix għall-impjiegi u li tgħix u taħdem barra mill-pajjiż.

Il-konsulenti tal-EURES u professjonisti oħra fir-reklutaġġ – b'mod partikolari fin-network tal-EURES – jistgħu jiġu kkuntattjati għall-informazzjoni u l-pariri fi kwalunkwe stadju tat-tfittxija u tal-proċess taċ-ċaqliq tiegħek għal pajjiż ieħor. B'għarfien espert speċjalizzat fl-aspetti prattiċi, legali u amministrattivi tal-mobbiltà Ewropea tal-forza tax-xogħol, dawn jistgħu:

- jirrakkomandaw opportunitajiet interessanti bbażati fuq il-profil tiegħek u saħansitra jfittxu li jqabblu l-profil tiegħek ma' impjegatur xieraq f'pajjiż Ewropew ieħor;
- jassistuk bl-applikazzjoni tiegħek għax-xogħol u jgħaddu s-CV tiegħek lil impjegaturi potenzjali;
- jagħtuk informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol fil-pajjiż tad-destinazzjoni tiegħek;
- jgħinuk biex tibda fil-pajjiż il-ġdid tiegħek billi jipprovdu informazzjoni dwar l-akkomodazzjoni, is-sigurtà soċjali u


t-taxxi, u dwar l-iskejjel u l-kura tas-saħħa għall-familja tiegħek, jekk rilevanti.

Jekk jogħġbok innota li s-servizzi disponibbli jistgħu jvarjaw minn pajjiż wieħed jew minn organizzazzjoni sieħba tal-EURES għal oħra.

Tista' ssib aktar informazzjoni u dettalji ta' kuntatt tal-Konsulent lokali tal-EURES tiegħek u ta' professjonisti oħra fir-reklutaġġ fuq il-Portal tal-EURES tal-Mobbiltà fl-Impjeg.

JIEM EWROPEJ TAL-IMPJIEGI (ONLINE) U AVVENIMENTI OĦRA

Kull sena, isiru mijiet ta' avvenimenti tal-EURES fl-Ewropa kollha – kollha b'aċċess faċli u mingħajr ħlas. L-aktar magħrufa huma l-Jiem Ewropej tal-Impjiegi, li jipprovdu ambjent ideali għalik biex tiltaqa' ma' impjegaturi potenzjali fuq il-post jew online – kif ukoll biex tibbenefika minn mistoqsijiet u tweġibiet diretti u video coaching individwali dwar il-mobbiltà fl-impjeg, u għarfien espert rilevanti ieħor. L-EURES jospita wkoll konferenzi, seminars u jiem ta' informazzjoni ġenerali dwar il-mobbiltà fejn il-Konsulenti tal-EURES huma disponibbli biex jiprovdu pariri esperti dwar is-sejbien ta' impjeg fl-Ewropa. Iċċekkja l-Kalendarju tal-avvenimenti fuq il-Portal tal-EURES tal-Mobbiltà fl-Impjeg għal aktar informazzjoni dwar avvenimenti fiż-żona tiegħek.



● L-Istati Membri tal-UE: Il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, L-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, Il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, Il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, Il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, Il-Finlandja, l-Iżvezja.

● ŻEE = Stati Membri tal-UE + l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja.

● L-Iżvizzera.

L-EURES huwa rappreżentat f'reġjuni differenti u f'reġjuni transfruntiera differenti. Għal aktar dettalji, żur il-portal tal-EURES.

Biex issib l-egreb Konsulent tal-EURES tiegħek, mur fuq eures.europa.eu.

TAQSIMIET EWLENIN

Bħala persuna li qed tfittex impjieg, dan huwa fejn tista' ssib informazzjoni dwar ix-xogħol barra mill-pajjiż, tnejni għal intervista, tistabbilixxi ruħek fil-ħajja tal-pajjiż il-ġdid, kif ukoll issib informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ tal-Kummissjoni Ewropea fl-Ewropa kollha.

- 1. X'jista' jagħmel għalik l-EURES?**
Hawnhekk tista' ssib is-servizzi kollha offruti mill-membri u mis-sħab tal-EURES.
- 2. Fittex impjieg.** Tispjega kif tfittex impjieg f'31 pajjiż Ewropew, toħloq u tiġġestixxi l-profil ta' tiffittix ta' impjieg online tiegħek u tabbona għan-notifiki tal-email ta' pozzizzjonijiet vakanti interessanti.
- 3. Oħloq is-CV tiegħek online.** Tippermettilek toħloq u tiġġestixxi s-CV tiegħek f'diversi lingwi, mingħajr ħlas, u fil-format tal-Europass jekk mixtieq.
- 4. Ikkuntattja Konsulent tal-EURES** tippermettilek issib id-dettalji ta' kuntatt ta' Konsulent tal-EURES qrib tiegħek li

jista' jgħin biex iqabblek ma' pozzizzjonijiet vakanti fil-livell lokali, reġjonali u dak nazzjonali.

- 5. Ħajja u xogħol** fiha informazzjoni Prattika, legali u amministrattiva dwar il-mobbiltà. Fittex xejriet attwali fis-suq tax-xogħol Ewropew skont il-pajjiż, ir-reġjun u s-settur tal-attività.
- 6. Il-kalendarju tal-Avvenimenti** jurik l-avvenimenti ta' interess li għejjin fir-reġjun tiegħek. Żomm rendikont tal-Jiem Ewropej tal-Impjieg u avvenimenti oħra ta' reklutaġġ jew sessjonijiet ta' informazzjoni ġenerali dwar il-mobbiltà mal-Konsulenti tal-EURES.
- 7. L-aħbarijiet** miżgħuda bl-aħħar artikli u vidjos dwar l-impjieg u l-mobbiltà Ewropej, Ara stejjer ta' suċċess ta' ispirazzjoni minn oħrajn li qed ifittxu impjieg li bbenefikaw mis-servizzi tal-EURES.
- 8. Il-bullettini L-EURES u Inti** jinħarġu kull xahar u jinkludu informazzjoni dwar il-mobbiltà tal-impjieg, ix-xejriet attwali, l-avvenimenti tal-EURES li għejjin, eċċ.

Tista' taqra l-bullettini online jew tirċivihom permezz ta' email.

- 9. F'Għajnuha u Appoġġ,** se ssib tveġibiet għall-biċċa l-kbira tal-mistoqsijiet tiegħek. Il-helpdesk tal-EURES huwa disponibbli wkoll biex iwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek permezz tat-telefon, tal-email, ta' chat diretta u ta' Skype.
- 10. Links** jiddireġu lejn siti web oħra li jindirizzaw il-mobbiltà Ewropea tal-forza tax-xogħol, inklużi s-servizzi pubbliċi nazzjonali tal-impjieg, kif ukoll firxa ta' pubblikazzjonijiet li se jiggwidaw permezz tat-tiftix tiegħek.



ŻVILUPPI FUTURI U SERVIZZI OĦRA

Il-Jiem Ewropej tal-Impjieg (Online) jippermettu lil dawk li qed ifittxu impjieg u lill-impjegaturi jinġabru "b'mod virtwali" u mingħajr f'fla, billi jinfrankawhom il-ħin u l-flus involuti fl-ivvjaġġar għal avveniment fuq il-post. Il-parteċipanti jistgħu jaraw preżentazzjonijiet ta' impjegaturi potenzjali, jissottomettu applikazzjonijiet għal pozzizzjonijiet vakanti u jiltaqgħu direttament ma' persuni li jirreklutaw u mal-Konsulenti tal-EURES. Ara europeanjobdays.eu għad-dettalji tal-Jiem tal-Impjieg preċedenti u li ġejjin.



APPLIKAZZJONI GĦAL IMPJIEG

Allura sibt opportunità interessanti? Issa trid tressaq applikazzjoni li tagħmlek tispikka mill-kumplament! Il-Konsulenti tal-EURES jistgħu jgħinuk b'dan – jew tista' tirreferi għall-Portal tal-Mobbiltà fl-Impjiegi għal pariri essenzjali.

Tipikament applikazzjoni tkun tikkonsisti f'ittra ta' akkumpanjament u s-CV tiegħek, għalkemm xi impjegaturi jistgħu jitolbuk timla formola ta' applikazzjoni standard. Ftakar – din hija l-ewwel impressjoni li tagħmel fuq l-impjegatur, u għalhekk qatta' xi ħin biex tipperfezzjonaha.

- **L-ittra ta' akkumpanjament:** L-ittra ta' akkumpanjament tiegħek għandha tididikjara għaliex int interessat/a fil-pożizzjoni, xiex fl-isfond tiegħek jagħmlek adattat/a għall-impjiegi, u x'tista' tagħti lill-kumpanija. Kun ċert li l-lingwa tkun ċara, aċċessibbli u diretta.
- **Tħejjija għal intervista:** L-intervista tista' ssir b'mod fiżiku jew fuq it-telefon: issir kif issir, preparazzjoni bir-reqqa hija essenzjali. Daħħal kwalunkwe dokumentazzjoni meħtieġa, bħas-CV jew il-karta tal-identità tiegħek – għal li jista' jkun.

- **Kun af lill-kumpanija** Kun ċert li għamilt riċerka dwar il-kumpanija. Uri li inti familjari ma' dak li hija tagħmel u dak li qed tfittex. Ħejji xi mistoqsijiet intuwitivi dwar dan u l-pożizzjoni li tagħti prova li għamilt ir-riċerka tiegħek.
- **Kun af l-impjiegi:** Id-deskrizzjoni tal-impjiegi hija l-aħjar indikazzjoni li tingħata fir-rigward ta' x'se jkun qed ifittex impjegatur fl-intervista. Tenfasizza l-ħidma f'tim, il-kapaċità li tittieħed inizzjattiva jew flessibilità? Uri li taqbel ma' dawn ir-rekwiżiti b'eżempji u ħiliet konkreti mill-esperjenza tiegħek tal-passat.
- **Stenna dak li mhux mistenni:** Jistgħu jsiru mistoqsijiet diffiċli jew mhux mistennija. Tippanikkjaj! Agħti prova li tista' tibqa' kalm taħt pressjoni, billi tieħu f'tit ħin biex tqis il-mistoqsija u twieġeb b'mod kalm. Ma tagħmilx differenza jekk ma tafx it-twieġiba. Impjegatur se jkun interessat li jara kif tagħti t-twieġiba tiegħek u kif jimexxilek issib informazzjoni għida.

IS-CV

- L-ewwel elenka l-esperjenza u l-kwalifiki l-aktar riċenti tiegħek.
- Uża sentenzi qosra u lingwa pożittiva.
- Enfasizza r-responsabbiltajiet applikabbli għall-impjiegi mixtieq u uża verbi "attivi".
- Kun ċert li s-CV tiegħek hija fattwali, aġġornata, u preċiża.
- Żomm is-CV tiegħek sa massimu ta' żewġ paġni.
- Ara li jkollok is-CV b'qari tal-provi minn xi ħadd ieħor, preferibbilment kelliem nattiv tal-lingwa li tkun qed tapplika biha.



It-tluq minn pajjiżek u l-wasla f'wieħed ġdid jstgħu jkunu esperjenza li taqtagħlek qalbek. Hemm proċessi amministrattivi ġodda li wieħed għandu jindirizza, nies ma' min tiltaqa' – forsi lingwa li għandek titgħallem. Tista' tikkuntattja lill-Konsulent lokali tiegħek tal-EURES għal parir u informazzjoni qabel ma titlaq.

Dawn huma ftit suġġerimenti mill-EURES biex jitħaffef il-proċess:

IĊ-ĊAQLIQ

- Kun ċert li jkollok kollox f'postu u kkanċella kwalunkwe kuntratt mal-fornituri tas-servizz.
- Informa lill-awtorità lokali tiegħek li se titlaq, jekk dan huwa rekwiżit.
- Bidde l-indirizz postali tiegħek u ħalli l-indirizz ta' fejn sejjer għal kwalunkwe posta li tista' tasal wara t-tluq tiegħek.
- Ftakar biex iġġib dokumenti importanti miegħek – passaporti validi jew karti tal-identità għalik u għall-membri tal-familja tiegħek.

IL-WASLA

- **Akkomodazzjoni:** Tkun ta' għajnuna jekk tagħmel riċerka dwar l-għażliet ta' akkomodazzjoni qabel ma tasal fil-pajjiż

il-ġdid, sabiex ikollok idea taż-żoni li huma skont il-baġit u l-aspettattivi tiegħek.

- **Sigurtà soċjali:** Il-benefiċċji kollha tas-sigurtà soċjali marbuta ma' kuntratt ta' impjeg fil-pajjiż il-ġdid tiegħek jingħataw bl-istess mod liċ-ċittadini tal-Istati Membri kollha tal-UE, kif ukoll lil dawk tal-Iżlanda, tal-Liechtenstein, tan-Norveġja u tal-Iżvizzera. L-istess japplika għall-“ħaddiema stazzjonati”, impjegati fi Stat Membru wieħed tal-UE iżda mibgħuta temporanjament biex jaħdmu fi Stat Membru ieħor (ara t-taqsimha dwar il-Politiki u l-attivitatiet fuq ec.europa.eu/social). Il-benefiċċji soċjali jkopru l-liv tal-mard u tal-maternità, il-qgħad u l-benefiċċji tal-familja, l-inċidenti fuq il-post tax-xogħol u l-benefiċċji okkupazzjonali, il-pensjonijiet tal-invalidità u tal-irtirar. Ikkuntattja l-istituzzjoni tas-sigurtà soċjali tiegħek qabel ma titlaq minn pajjiżek għall-informazzjoni meħtieġa u l-formoli meħtieġa tal-UE. Iċċekkja wkoll is-Sistema ta' Informazzjoni Reċiproka tal-UE dwar il-Protezzjoni Soċjali (Missoc) fuq is-sit web t'ħawn fuq.
- **Il-Karta Ewropea tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa (EHIC):** Din hija disponibbli mingħajr ħlas għaċ-ċittadini kollha tal-pajjiżi tal-UE/taż-ŻEE flimkien mal-Iżvizzera. Din tiżgura li inti se tikseb l-istess aċċess għall-kura tas-saħħa ta' emerġenza

tas-settur pubbliku (bħat-tobba, l-ispiżeriji, l-isptarijiet) bħaċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi. Xorta għandek timmira biex tikseb assicurazzjoni nazzjonali tas-saħħa fil-pajjiż il-ġdid tiegħek malli tasal.

- **Pensjoni:** Jekk qed tirċievi pensjoni tal-Istat minn Stat Membru wieħed jew aktar tal-UE u tmur f'pajjiż ieħor tal-UE, jew tal-Iżlanda, tal-Liechtenstein, tan-Norveġja jew tal-Iżvizzera, tista' tkompli tirċievi l-ammont sħiħ tal-pensjoni tal-Istat tiegħek hemmhekk. Biex issir taf aktar dwar kif id-drittijiet tas-sigurtà soċjali tiegħek huma protetti, żur ec.europa.eu/social-security-coordination.
- **Tassazzjoni:** Il-pajjiżi Ewropej ikkonkludew ftehimiet bilaterali dwar it-taxxa, biex jipprevjenu liċ-ċittadini tagħhom milli jħallsu darbejtn għall-istess attività jew introjtu f'pajjiż Ewropej ieħor. Ikkuntattja lill-awtoritajiet rilevanti f'pajjiżek għal parir personalizzat.

L-EURES jista' jagħtik aktar informazzjoni dwar dawn is-suġġetti kollha. Żur il-paġni tal-**Ħajja u Xogħol tal-Portal tal-Mobbiltà fl-Impjegi** jew ikkuntattja lill-Konsulent lokali tal-EURES tiegħek.

L-EWWEL PASSI GĦAL IMPRENDITURI ŻĠHAŻAĠĦ

Filwaqt li jammontaw għal aktar minn 99 % tan-
negozju tal-Ewropa, l-intrapriżi żgħir u ta' daqs
medju (SMEs) huma s-sinsla tal-ekonomija
tagħha, u numru dejjem jikber ta' ċittadini
Ewropej qed jippjanaw li jwaqqfu n-negozju
tagħhom f'pajjiż ieħor.

Jekk inti mimli b'ideat biex tibda negozju xi
mkien ieħor fl-Ewropa, dawn huma xi
rakkomandazzjonijiet:

- **Oħloq pjan ta' negozju** Kun żgur/a li tkun taf
eżattament x'se jkun in-negozju tiegħek,
kemm se jiswa biex twaqqfu, iż-żmien li se
jinvolvi, u l-proċessi amministrattivi li trid
tgħaddi minnhom. Tħallix l-ippjanar tiegħek
sakemm tasal fil-pajjiż ġdid – se jkun aktar
faċli li tagħmlu f'pajjiżek. Ikkuntattja lill-
Kamra tal-Kummerċ lokali tiegħek, peress li
ħafna joffru korsijiet fil-ħolqien ta' pjan tan-
negozju komprensiv.
- **Iffamiljarizza ruħek mal-pajjiż il-ġdid
tiegħek:** Ippjana ftit vjaġġi lejn il-pajjiż
tad-destinazzjoni tiegħek qabel tiċċaqlaq.
Kun af is-sistema bankarja, il-prattiki legali
u amministrattivi, u n-nies u l-kultura.
Għandek bżonn titgħallim lingwa? Mela
rreġistra f'kors f'pajjiżek, sabiex ikollok
fehmi tajjeb tal-lingwa qabel ma tmur.

- **Iksej parir mingħand imprenditur
sieħeb:** Ikkuntattja lil xi ħadd li jkun
waqqaf in-negozju tiegħu fil-pajjiż tad-
destinazzjoni tiegħek. Ħadd mhu se jkun
jista' jagħtik parir aħjar minn xi ħadd li diġà
esperjenza dak li se tesperjenza int.
Il-Konsulent lokali tal-EURES tiegħek jista'
jkun li jkun jista' jpoġġik f'kuntatt ma'
persuna jew ma' organizzazzjoni rilevanti.
Jew inkella, mur fuq [ec.europa.eu/
enterprise/initiatives/sme-week](http://ec.europa.eu/enterprise/initiatives/sme-week) biex
titgħallim aktar dwar imprendituri tal-UE
ta' suċċess f'kull pajjiż.
- **In-Network Enterprise Europe:** Dan
jgħin lin-negozji ż-żgħar jieħdu vantaġġ
mis-suq miftuħ Ewropew. Bħala
imprenditur, tista' ssib firxa wiesgħa ta'
informazzjoni minn kwalunkwe waħda
mis-600 organizzazzjoni membru fl-UE
kollha u lil hinn minnha. Żur: **Enterprise
Europe Network.**
- **Il-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament
għall-Progress.** Din hija inizzjattiva tal-UE li
tagħmilha aktar faċli għan-nies li jridu
jibdeu jew jiżviluppaw in-negozju żgħir
tagħhom stess biex jaċċessaw kreditu sa
EUR 25 000. Niżżel fuljett ([ec.europa.eu/
social](http://ec.europa.eu/social)).

Aktar informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-
xogħol applikabbli għall-ħaddiema stazzjonati
tista' tinstab billi wieħed iżur is-sit web tal-
Eurofound, il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib
tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, fuq
www.eurofound.europa.eu. Tista' wkoll titkellem
mal-Konsulent lokali tal-EURES tiegħek.

“Qabel ma tmur tgħix f'pajjiż ieħor, ħejji pjan
ta' negozju sod b'deskrizzjoni tal-prodott jew
tas-servizz li għandu jiġi offrut, l-udjenza
fil-mira u l-kompetizzjoni eżistenti, u
strateġija ta' kummerċjalizzazzjoni. U tinsix
pjan finanzjarju – mhux biss għan-negozju,
iżda wkoll pjan personali. Jekk tmur barra
mill-pajjiż bl-intenzjoni li tirtira f'pajjiżek
stess, għandek tqis kemm il-pensjoni li rċevejt
fi Stat Membru ieħor se tiswa f'pajjiżek.”

Konsulent tal-EURES, in-Netherlands

“Ġejt mistieden għal laqgħa ta' reklutaġġ
mal-EURES fl-Uffiċċju Pubbliku tal-
Impjiegi f'Gothenburg, l-Iżvezja. Kelli
intervista mas-Seven Seas Group li kien
qed ifittex ekwipaġġ għal diversi
bastimenti tal-kruċieri. Wara laqgħa utli ta'
informazzjoni u intervista sussegwenti,
ġejt offrut impjieg xi xhur wara fuq linja
tal-Karibew – l-għażla ppreferuta tiegħi!”

Stefan, persuna li qed tfittex impjieg mill-Iżvezja

* ĠUL 18, 21.1.1997, p. 1.

Suq tax-xogħol transfruntier huwa żona li fiha l-ħaddiema li jgħixu f'pajjiż wieheh jistgħu jivvjaġġaw kuljum jew kull ġimgħa biex jaħdmu f'pajjiż ġar. Dan l-arranġament huwa popolari fl-Ewropa kollha: aktar minn 600 000 persuna jaħdmu f'pajjiż Ewropew differenti minn fejn jgħixu.

LITKUN ĦADDIEM TRANSFRUNTIER GĦANDU L-VANTAĠĠI TIEGĦU:

- Is-suq tax-xogħol fil-pajjiż ġar jista' jkun aktar b'saħħtu minn dak f'pajjiżek stess.
- M'hemmx bżonn li l-familja tiegħek timxi miegħek, għalhekk is-sħab jistgħu jżommu l-impjegi u t-tfal tagħhom jistgħu jibqgħu fl-edukazzjoni f'pajjiżhom stess.
- L-assigurazzjoni tas-saħħa u s-sigurtà soċjali f'pajjiżek normalment jistgħu jinżammu, u b'hekk il-proċess isir aktar faċli.

Ovvjament, l-ivvjaġġar transfruntier jġib miegħu xi sfidi, bħal prattiki amministrattivi u legali nazzjonali differenti. Iżda hemm ħafna servizzi li jgħinu lill-vjaġġaturi b'dawn il-kwistjonijiet.

F'REĠJUNI TRASFRUNTIERA, L-EURES HU DISPONIBBLI BIEX:

- Ilaqqa' l-persuni li qed ifittxu impjieg ma' pożizzjonijiet vakanti xierqa f'pajjiż ġar;
- Jipprovdi informazzjoni dwar il-ħajja u x-xogħol f'żewġ pajjiżi Ewropej differenti u jgħin fl-aspetti legali, amministrattivi u prattiċi;
- Jissorvelja s-swieq tax-xogħol fiż-żewġ pajjiżi, u b'hekk jipprovdi informazzjoni aġġornata dwar il-pożizzjonijiet vakanti lil dawk li qed ifittxu impjieg.

L-EURES jopera f'aktar minn 20 sħubija transfruntiera f'aktar minn 13-il pajjiż. Sabiex tiġi ssodisfata l-ħtieġa għal informazzjoni u koordinazzjoni bejn il-pajjiżi, is-sħubijiet transfruntiera tal-EURES jgħibru flimkien is-servizzi pubbliċi tal-impjegi u tat-taħriġ vokazzjonali, it-trade unions, l-awtoritajiet lokali u istituzzjonijiet oħra li jindirizzaw l-impjegi u t-taħriġ.

"Aħna nappoġġjaw mijiet ta' ħaddiema transfruntiera kuljum b'mistoqsijiet bħal: Fejn inħallas it-taxxi tiegħi? Fejn nista' nitlob benefiċċju għat-tfal? Nista' nuża s-servizz tas-saħħa? Dan jgħin biex it-tranżizzjoni ssir aktar faċli għall-ħaddiema mobbli li jiċċaqalqu lejn pajjiż ieħor."

Konsulent tal-EURES, Sħubija Transfruntiera L-Irlanda/L-Irlanda ta' Fuq

"Diġà kont naf xi affarijiet dwar il-ħajja fl-Ungerija, peress li kont studjajt hemmhekk, iżda l-EURES għeni bid-dettalji l-aktar "tekniċi" ta' ħajja bejn żewġ pajjiżi, b'ħad-differenzi bejn is-sistemi tat-taxxa u s-sistemi tas-sigurtà soċjali. Meta tiċċaqalq xi mkien ġdid, ma tkunx taf x'għandek tistenna. Kull pajjiż għandu karatteristika unika tiegħu stess, u huwa imprezzabbli li tikseb dan il-parir."

Marcel, persuna li qed tfitx impjieg mill-Ġermanja, li tgħix fl-Ungerija, li tmur għax-xogħol fl-Awstrija u lura

SERVIZZ PERSONALI, PROFESSIONALI, “KOMPLUT”

Hemm aktar minn 1 200 Konsulent tal-EURES f’31 pajjiż, kollha esperti fil-mobbiltà Ewropea tax-xogħol. Huma disponibbli biex jipprovdu pariri personalizzati bbażati fuq il-ħiliet, il-kwalifiki u l-okkupazzjoni mixtieqa tiegħek, filwaqt li jiżguraw appoġġ matul il-proċess tat-tluq. Żur il-Portal tal-EURES tal-Mobbiltà fl-Impjiegi għad-dettalji ta’ kuntatt tal-Konsulent lokali tal-EURES tiegħek.

“Il-Jum Ewropew tal-Impjiegi huwa, għal ħafna persuni li qed ifittxu impjeg, approċċ inizzjali interessanti li jippermettilhom jiġu f’kuntatt ma’ kumpaniji li joffru impjiegi u li jgħaddu s-CV tagħhom direttament. Il-preżenza fuq il-post ta’ aġenziji differenti ta’ “xogħol temporanju” hija utli wkoll, kif ukoll id-disponibbiltà ta’ Konsulenti tal-EURES li jistgħu jgħinu f’applikazzjonijiet ta’ “mobbiltà fl-impjiegi”

Konsulent tal-EURES, il-Lussemburgu

JIEM EWROPEJ TAL-IMPJIEGI (ONLINE)

Dawn l-avvenimenti jseħħu fl-Ewropa kollha diversi drabi fis-sena, min-Norveġja sa Ċipru u mill-Portugall sar-Rumanija. Dawn joffru l-opportunità ideali għal dawk li qed ifittxu impjeg biex jiltaqgħu mal-Konsulenti tal-EURES kif ukoll ma’ impjegaturi potenzjali, kemm fuq il-post kif ukoll online. Il-parteċipanti jistgħu jiddiskutu l-pjanijiet tagħhom u jindirizzaw il-mistoqsijiet tagħhom lil firxa ta’ esperti fil-mobbiltà Ewropea tal-impjiegi permezz ta’ seminars, dibattiti, workshops u laqgħat diretti (jew virtwali).

INIZJATTIVI SPEĊJALI TAL-EURES

Hemm għadd ta’ skemi mmirati ta’ mobbiltà tal-impjiegi li jappoġġjaw lil dawk li qed ifittxu impjeg u lil dawk li qed ibiddu l-impjeg li għandhom età ta’ bejn 18-30 sena biex isibu impjeg f’pajjiżi Ewropej oħra irrispettivament mill-kwalifiki, il-ħiliet jew l-esperjenza tagħhom billi jipprovdu opportunitajiet ta’ finanzjament differenti. Dan is-servizz jipprovdi wkoll benefiċċji sinifikanti lill-impjegaturi peress li jiftaħ in-negozju tagħhom għal forza tax-xogħol li jista’ jkun li huma ma jkunux jistgħu jsibu fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali, u jgħin视角 isibu kandidati xierqa għal pozzizzjonijiet “diffiċli biex jimtlew” (ara eures.europa.eu).



“Jiena attendejt fiera ta’ impjiegi f’Basel u Itqajt ma’ Konsulent tal-EURES mil-Lussemburgu. Tani pariri prattiċi u utli, inkluża informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol fil-pajjiż, u dwar kif wieħed għandu japplika għall-impjiegi – kif ukoll il-passi li għandhom jittieħdu qabel ma wieħed imur jgħix barra minn pajjiżu.”

Persuna li qed tifttx impjeg mill-Iżvizzera, li qed tgħix u taħdem fil-Lussemburgu



KIF TIKKUNTATTJA LILL-UE

Personalment

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik online (european-union.europa.eu/contact-eu/meet-us_mt).

Bit-telefown jew bil-miktub

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntatta lil dan is-servizz:

- bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),
- fuq dan in-numru standard: +32 22999696,
- permezz ta' din il-formola:european-union.europa.eu/contact-eu/write-us_mt.

KIF ISSIB TAGĦRIF DWAR L-UE

Online

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa (european-union.europa.eu).

Pubblikazzjonijiet tal-UE

Tista' tara jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE minn op.europa.eu/mt/publications. Kopji multipli ta' publikazzjonijiet bla ħlas tista' tiksibhom billi tikkuntatta lil Europe Direct jew liċ-ċentru tad-dokumentazzjoni lokali tiegħek (european-union.europa.eu/contact-eu/meet-us_mt).

Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati

Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1951 'l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex (eur-lex.europa.eu).

Data miftuħa tal-UE

Il-portal data.europa.eu jagħti aċċess għal settijiet tad-*data* miftuħa mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE. Dawn jistgħu jitniżżlu u jerġgħu jintużaw mingħajr ħlas, għal skopijiet kummerċjali u mhux kummerċjali. Il-portal jagħti aċċess ukoll għal għadd kbir ta' settijiet tad-*data* mill-pajjiżi Ewropej.

INTI INTERESSAT/A FIL-PUBLIKAZZJONIJIET TAD-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-IMPJIEGI, L-AFFARIJIET SOĠJALI U L-INKLUŻJONI?





- Jekk iva, tista' tniżżilhom jew tabbona mingħajr ħlas fuq: ec.europa.eu/social/publications
- Inti mistieden ukoll tiffirma biex tirċievi l-bullettin elettroniku tal-Ewropa Soċjali mingħajr ħlas tal-Kummissjoni Ewropea fuq: ec.europa.eu/social/e-newsletter
- Tista' tabbona għall-bullettin tal-EURES fuq: eures.europa.eu

IS-SITI WEB U L-PROGRAMMI EWLENIN TAL-UE LI JIDHRU F'DAN IL-FULJETT HUMA ELENKATI HAWN TAĦT:

- Il-Portal tal-EURES tal-Mobbiltà fl-Impjieg: eures.europa.eu
- Network Enterprise Europe: portal.enterprise-europe-network.ec.europa.eu
- Imprendituri tal-UE: ec.europa.eu/enterprise/initiatives/sme-week
- Jiem l-Impjieg Ewropej: europeanjobdays.eu
- Mistoqsijiet dwar l-UE: europa.eu/europedirect
- Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament għall-Progress. Niżżel fuljett minn: ec.europa.eu/social
- Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK): ec.europa.eu/eqf

- Programmi ta' appoġġ fl-edukazzjoni: ec.europa.eu/education
- Sistema ta' Informazzjoni Reċiproka dwar il-Protezzjoni Soċjali: ec.europa.eu/missoc
- Ħaddiema stazzjonati: ec.europa.eu/social
- Drittijiet tas-sigurtà soċjali: ec.europa.eu/social-security-coordination
- L-Ewropa Tiegħek. Għajnuna u pariri għaċ-ċittadini tal-UE u l-familji tagħhom: europa.eu/youreurope/citizens
- L-ewwel xogħol tiegħek tal-EURES: ec.europa.eu/social

INGĦAQAD MAGĦNA FUQ IL-MIDJA SOĠJALI:

-  euresjobs
-  socialeurope
-  EURESjob
-  EURES European Employment Services

